MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 9

16 ta' Settembru 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 9 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillier J. Buttigieg li kien skużat minħabba raġunijiet ta' safar.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku irrefera għall-minuta 2.4.2. **(Ref: H/4/Vol II)** u ppropona li din tinqara kif ġej:

*"2.4.2. Is-Sindku irrefera għal fax datat 5 ta' Awwissu 2008, mibgħut mill-Industrial Projects and Services Ltd, fejn il-Kunsill ġie notifikat li b'effett mis-6 ta' Awwissu 2008, is-Sur Anthony Cachia ġie trasferit mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jagħmel xogħol f'dak id-dipartiment minħabba li l-esigenza tas-servizz talbet li jkun hemm is-servizz tiegħu. Minn tagħrif mogħti mis-Sur Cachia, irriżulta li trasferiment sar minħabba li uffiċjal ieħor inkarigata minn sezzjoni f'dan id-Dipartment ser tkun imsiefra għal żmien twil. Huwa qal li ma jeskludiex li s-Sur Cachia jista' jiġi trasferit lura, meta din tirritorna jew jinstab xi ħadd ieħor biex jagħmel ix-xogħol tagħha.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati u iffirmati bl-emenda mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq N. Copernicus (T/4/13/Vol VIII)

2.1.2. Saret referenza għal ilment imressaq mis-Sur Maurice De Gaetano dwar il-passaġġ għall-ilma tax-xita li sejjer f'Villa Nru.36, Triq N. Copernicus. Is-Segretarju fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li jittieħed parir legali dwar it-talbiet li saru mis-Sur De Gaetano li qed jistenna li l-Kunsill jagħmel xogħlijiet biex jilqa' għall-ilma tax-xita b'mod li dan jinġabar u jinxtehet fil-wied li hemm wara l-proprjetà tiegħu. Huwa talab ukoll li jsir kuntratt fejn jiġi kostitwit servitù talli l-kunsill ikun għamel xogħlijiet fil-proprjetà tiegħu u jirċievi kera annwali.

2.1.3. L-avukat huwa tal-fehma li, ma jarax li hawn lok għal servitù, peress li dan jinħoloq biex jagħti vantaġġ lis-sid ta' fond fuq fond ta' ħaddieħor. Huwa kkwota l-Artiklu 400 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) jipprovdi li *"Is-servitù huwa jedd stabbilit għall-vantagg ta' fond fuq fond ta' ħaddieħor…"*. Ġie spjegat li l-Kunsill ma għandu l-ebda fond, iżda għandu responsabilita` għal triq. Billi jidher li s-Sur De Gaetano għandu xi forma ta' triq privata allura għandhom

japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10). L-Artiklu 20(7) tal-Kap. 10 li jipprovdi illi *"L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tista', f'kull zmien, tagħmel jew tara li ssir jew tippermetti li ssir f'kull jew taht kull triq li ma tkunx proprjetà tal-Gvern, kull xorta ta' xogħol illi hija jkun jidhrilha mehtieg jew utli fl-interess pubbliku."*. Skond l-istess ligi, (Artiklu 20(8)) "*Kull triq ġdida li ma tkunx proprjetà tal-Gvern għandha tiġi mwittija u miksija kif imiss u magħmula b'mod li tkun tajba għas-sewqan ta' l-ilma, mill-persuna li tkun fetħet dik it-triq, skond l-ordnijiet ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u b'mod li jkun jogħgob lilha. Barra minn dan, kull triq bħal din għandha tigi magħmula mill-persuna hawn fuq imsemmija b'bankini b'kurdun u b'dorga tal-ġebel tal-qawwi jew b'materjal iehor tajjeb ghaldaqshekk, li jkun jissodisfa lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta*.". Skond il-parir mogħti, hu evidenti li dak illi qed jistenna s-Sur De Gaetano hu inaccettabbli. Fil-waqt li l-Kunsill jista' jikkunsidra jekk jaghmilx ix-xogħol jew le, il-kwistjoni tas-servitu` ghandha tigi ghal kollox eskluza.

2.1.4. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li s-Sur De Gaetano għandu jiġi nfurmat b'din il-posizzjoni legali qabel jibda' l-istagun tax-xita bl-iskop li jiġu evitati talbiet aktar tard.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 14/08/08 – 11/08/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 12/08/08 – 27/08/08
- *Purchase Request Form* – 11/09/08
- Skeda ta` ilmenti - 0514/08 – 0555/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 26/08/08

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Iljieli Melleħin (A/5/3/5)(M/8/Vol III)(P/4/20/Vol II)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li fl-Iljieli Melleħin, li seħħew bejn it-12 u l-14 ta' Settembru 2008, irrenjaw l-għaqda, l-entużjazmu u l-parteċipazzjoni ta' l-għaqdiet Melleħin, il-kleru, il-komunità kummerċali, l-awtoritajiet ċivili u l-pubbliku.

4.1.3. Is-Sur R. Cutajar qal li l-ftuħ tal-berġa, fid-Dar il-Madonna tal-Mellieħa, li seħħ fit-12 ta' Settembru mill-Onor Dr Joe Cassar – Segretarju Parlamentari responsabbli għas-Saħħa - u l-Onor Mario Galea – Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunità. L-għada, 13 ta' Settembru, l-Onor Dr Jason Azzopardi – Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Artijiet - għadda ċ-ċwievet ta' kamra f'Misraħ ż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, liema fond ser jingħata mid-Dipartiment ta' l-Artijiet lill-Kunsill b'titolu ta' *encroachment* bil-għan li jintuża bħala ufficċju informazzjoni għat-turisti.

4.1.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li minbarra l-membri tal-Gvern imsemmija, żaru wkoll l-Iljieli Melleħin, il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, il-Ministru George Pullicino u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – Dr Chris Said. Is-Sindku qal ukoll li l-Kap ta' l-Opposizzjoni Dr Joe Muscat, ix-*Shadow Minister* fuq il-Kunsilli Lokali, l-Onor. Owen Bonnici u d-Deputat Evarist Bartolo, ġew mistiedna jattendu wkoll għall-Iljieli Melleħin.

4.1.5. Il-Kunsillier Clayton Bartolo aċċenna għall-preżenza fost oħrajn tas-Sindku ta' Cavriglia Ivano Ferri u l-Vici Sindku Marco Roschi. Huwa qal li permezz ta' din iż-żjara żgur tjiebu l-kuntatti bejn iż-żewġ lokalitajiet. Huwa qal ukoll li s-Sindku Ferri stieden lill-vjolinista Simon Vella sabiex jagħti kunċert f'Cavriglia.

4.1.6. Is-Sindku qal illi l-inizjattiva li ttieħdet sabiex Triq Borg Olivier inbidlet f'wahda pedonali tul it-tliet ijiem, intlaqgħet tajjeb ħafna kemm mir-residenti kif ukoll mill-parti l-kbira tas-sidien tan-negozji.Is-Sur R. Cutajar ippropona li din l-attività tidhol fil-kalendarju ta' l-attivitajiet tal-Kunsill għas-snin li gejjin. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 4.2.1. Tisbiħ tat-turġien fi Triq il-Mitħna l-Qadima (P/4/17)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tħejjiet stima mill-Korporazzjoni Enemalta dwar it-trasferiment tal-*cables* ta' l-elettriku minn fuq l-arblu eżistenti għal taħt l-art. Din għadha qed tiġi kkunsidrata.

4.2.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li ġie avviċinat minn wieħed mir-residenti li allega illi it-taraġ tan-naħa tal-lemin, meta wieħed iħares lejn Triq il-Kbira, ma sarx skond il-pjanta, bir-riżultat li l-ilma tax-xita qed iżomm lejn in-naħa tad-dar tiegħu.

4.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.3.1. Festa tal-Vitorja (F/2/Vol V)

4.3.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta u kkummenta li l-andament tal-Festa tal-Vitorja kien wieħed tajjeb, minkejja l-ammont kbir ta' nies li attendew. Huwa qal li l-aċċess limitat bil-vetturi għal Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw ta riżultati tajbin u ġiet evitata l-konġestjoni.

4.3.3. Is-Sindku qal li l-operaturi tal-gabbani fin-naħa t'isfel ta' Triq Salvinu Vella mblukkaw l-aċċess għar-residenti bl-affarijiet li kellhom. Is-Sur R. Cutajar qal li sena oħra għandu jiġi kkunsidrat li dawn jiċċaqalqu minn hemmhekk. Huwa kkummenta wkoll li t-tneħħija ta' l-umbrellel u tined quddiem il-barijiet tat dehra aħjar tal-pjazza, partikularment filgħaxija.

4.3.4. Is-Segretarju kkummenta li meta saru l-marki biż-żebgħa fl-art fejn għandhom jintramaw il-gabbani, ingħatat attenzjoni li jkun hemm spazju biżżejjed sabiex jibqa' aċċess liberu għar-residenti. Is-Sur Debono qal li din hija kwistjoni ta' infurzar tal-kundizzjonijiet mogħtija fil-permess li jinħareġ.

4.3.5. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li kien hemm bejjiegħ li rama fi Triq Salvinu Vella qrib il-kantuniera ma' Triq San Pawl li tneħħa mill-Pulizija peress li ma kellux il-permess tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li l-bejjiegħa tal-qubbajt għandhom tendenza li joħorġu lejn nofs il-pjazza biex jidhru aktar.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 11 ta' Awwissu 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-14 u l-11 ta' Awissu 2008.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* illi tkopri l-perjodu bejn it-12 u s-27 ta` Awwissu 2008.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti skond l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` konkos ta` diversi gradi in konnessjoni mal-manutenzjoni tat-toroq u xogħlijiet oħra;**

**Billi ż-żewġ offerti li daħlu sad-data ta` l-għeluq ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board* skond ir-rapport datat 13 ta' Awissu 2008, liema rapport qed jiġi mehmuż ma' dawn il-minuti.**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2008/09 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri ta` l-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta` tliet snin b`effett minn Ottubru 2008 mal-kumpanija Central Asphalt Ltd li offrew li jfornu u jitrasportaw il-materjal skond ir-rati mogħtija fid-dokument ta` l-offerta relattiv.".**
**(D/3/1/Vol V)**

7.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier E. Bartolo illi tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti skond l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` *Dense Coated Mixes* meħtieġa għall-manutenzjoni tat-toroq;**

**Billi t-tliet offerti li daħlu sad-data ta` l-għeluq ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board* skond ir-rapport datat 13 ta' Awissu 2008, liema rapport qed jiġi mehmuż ma' dawn il-minuti.**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2008/09 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri ta` l-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta` tliet snin b`effett minn Ottubru 2005 mal-kumpanija Central Asphalt Ltd li offrew illi jfornu u jitrasportaw il-materjal skond ir-rati mogħtija fid-dokument ta` l-offerta relattiv.". (D/3/1/Vol V)**

8.2. Ir-riżoluzzjoni għaddiet wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

**9.1. Devoluzzjoni ta' beni ta' valur storiku jew ambjentali (A/6/7/Vol II)**

9.2. Is-Sindku aċċenna għad-diskussjonijiet li diġa kien hemm, kif ukoll il-passi li qed jittieħdu mill-Gvern biex jirkupra binjiet u postijiet li għandhom valur storiku fil-lokalità tal-Mellieħa. Saret ukoll referenza għal-laqgħa li saret fil-25 ta' Ġunju 2008 mas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi responsabbli mill-Artijiet, fejn fost affarijiet oħra ġiet trattata dan is-suġġett.

9.3. Permezz ta' ittra datata 2 ta' Settembru 2008, intweriet l-intenzjoni illi l-Kunsill, bil-koperazzjoni ta' għaqdiet volontarji bbażati fil-Mellieħa, huwa interessat fid-devoluzzjoni ta' uħud mill-proprjetà segwenti:

a) Il-Batterija ta' Wied Musa u l-bini anness magħha magħruf bħala "Il-Palazz tal-Marfa". Il-ħsieb tal-Kunsill huwa li dan il-bini għandu jinstablu użu, sabiex la darba jiġi restawrat ma jerġax jiddeterjora kif inhu llum. Huwa l-ħsieb tal-Kunsill li dan jinbidel f'*interpretative centre* li jilqa' fih dokumenti u oġġetti marbuta ma' l-istorja tal-lokalità;

b) Il-Batterija ta' Vendôme li tinsab fl-inħawi Ta' Maċċa fl-Armier ilha okkupata għall-diversi snin bħala residenza tas-sajf. Din ukoll tista' tinfetaħ għall-pubbliku wara li tinġieb għall-istat oriġinali tagħha, bil-għan li jsiru attivitajiet edukattivi bħalma huma *re-enactments,* taħditiet eċċ;

c) Beni storiċi fl-inħawi ta' l-Imġiebaħ / Selmun bil-għan li jinħoloq *heritage trail* li jinkludi l-postijiet li jidhru hawn taħt:

   (1) Kumpless ta' rziezet (faċċata tal-lukanda f'Selmun);

   (2) Il-Bir tal-Ħnejja (li diġa ġie restawrat mill-Kunsill) u ċ-Ċikken ta' ma' ġenbu (post fejn kienet tinġabar il-merħla wara li tittieħed tirgħa matul il-jum);

   (3) *Pill Box* tat-Tieni Ġwerra Dinjija qrib il-lukanda ta' Selmun;

   (4) *Pill Box* li tħares fuq il-Wied ta' l-Imġiebaħ;

   (5) *Pill Box* fuq ir-riħ tal-Bajja ta' l-Imġiebaħ;

   (6) Miġbħa tan-naħal antika;

   (7) Qabar u Kalati (*cart ruts*) ta' żmien Klassiku;

   (8) Art użata bħala parkeġġ fuq ir-riħ tal-bajja ta' l-Imġiebaħ intiża sabiex fiha jitnieda proġett t'afforestazzjoni bis-siġar tal-ballut u siġar indiġeni oħra; u

   (9) Miġbel (barriera antika).

9.4. Is-Sindku qal li minħabba l-limitazzjonijiet, fir-riżori finanzjarji u umani, hekk kif il-Kunsill ikollu konferma li d-devoluzzjoni ta' xi proprjetà minn dawk imsemmija hawn fuq tkun ser isseħħ, għandhom jsiru sforzi biex jinstabu msieħba fost l-għaqdiet volontarji, li jkunu lesti li jingħaqdu mal-Kunsill fit-tmexxija ta' dawn il-postijiet.

9.5. Il-Kunsill innota u approva r-rappreżentazzjonijiet li saru.

9.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li forsi il-Fortizza ta' Campbell setet ġiet inkluża f'din it-talba, peress li dan il-bini qed jiġi abbużat. Il-Viċi Sindku wieġeb li l-Fortizza hija ta' daqs enormi u minn joħodha jeħtieġ li jħotta peress li dawk is-soqfa li għadhom ma sfruntawx, huma perikolużi.

9.7. Kien hemm qbil li d-Dipartiment ta' l-Artijiet għandu jiġi mgħarraf b'din is-sitwazzjoni sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa bil-għan li jitneħħa l-periklu.

## 10.1. Kwistjoni dwar il-livelli ta' Triq Toni Pace (T/4/13/Vol VIII)

10.2. Skond kif kien ġie deċiż aktar qabel, il-Kunsill kiseb parir legali dwar it-tieni protest ġudizzjarju li sar mill-konjuġi James u Marlene Gouder, sidien tal-fond Nru. 61, Triq Toni Pace. Ingħata parir li għandu jsir kontro-protest fil-waqt li kemm-il darba l-Kunsill iħoss li l-pretensjonijiet ta' Gouder huma barra minn lokhom u bl-iskop li tinqata' linja u dawn ma jibqgħux jsiru protesti minn żmien għal żmien biex jinterrompu xi preskrizzjoni, għandha tinfetaħ kawża li permezz tagħha l-Qorti tiġi mitluba tiffissa terminu qasir sabiex minn għandu xi pretensjonijiet jipproċedi bil-Qorti. Fin-nuqqas ta' dan jieqfu l-proċeduri għal dejjem. F'kawża ta' din ix-xorta, ix-xhieda jinstemgħu fil-qasir dwar il-protest u mhux fuq il-mertu.

10.3. Is-Sindku ppropona li rrispettivament mir-riżervi li jista' ghandhom Gouder dwar il-kostruzzjoni ta' *rainwater culvert* fi Triq Toni Pace, dan għandu jsir xorta wahda sabiex b'hekk ikunu ttieħdu l-mizuri kollha possibbli biex jitnaqqas il-volum ta' l-ilma minn wiċċ it-triq, minghajr ma jiġu affettwati l-livelli eżistenti, bil-ghan ukoll li jigu salvagwardati l-interessi tar-residenti oħra kollha fl-istess triq.

10.4. Filwaqt li kien hemm qbil ma' din il-proposta, ġie deċiż ukoll li l-konsulent legali tal-Kunsill għandu jiġi mistoqsi dwar kif dan il-pass jista' jaffettwa l-kawza (*lucrum cessans*) issuġġerita minnu.

## 11.1. Abbozz ta' ftehim dwar it-tmexxija tax-Xelters (A/6/7/Vol II)

11.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-klawsola 1 (b) u qal li għandu jiġi stabbilit liema huma l-ġranet meta x-xelter għandu jkun miftuħ għall-pubbliku. Fir-rigward tal-klawsola 1 (c), huwa ppropona li l-Kunsill għandu jkun infurmat bl-attivitajiet kulturali li jkunu ser jiġu organizzati fix-xelter. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn il-klawsoli għandhom ikunu konformi ma' dawk fil-ftehim dwar il-Batterija ta' Westreme.

11.3. Is-Segretarju rrefera għall-klawsoli 4 (ii) u (iii) u ppropona li dawn jitneħħew peress li kienu jagħmlu sens biss meta l-Għaqda kienet ġiet fdata bit-tmexxija tal-xelters l-ewwel darba. Il-Kunsill qabel ma' din l-emenda.

11.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-klawsola 6 (b) u ppropona li x-xelter għandhu jkun miftuħ għall-pubbliku mingħajr ħlas fl-10 ta' Frar, 31 ta' Marzu, l-1 ta' Mejju, is-7 ta' Ġunju, il-21 ta' Settembru, l-1 u 2 ta' Novembru. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li f'dawn il-ġranet ta' festi pubbliċi jeżisti potenzjal tajjeb li jiġu aktar nies u għalhekk l-għaqda m'għandiex tiġi mċaħħda minn dan id-dħul. Is-Sindku kkummenta li n-nuqqas ta' nies li jżuru l-Batterija ta' Westreme u anke x-Xelters huwa ġej mill-fatt illi mhux qed issir pubbliċità dwar dawn il-postijiet mill-għaqdiet li qed imexxuhom. Wara aktar diskussjoni fuq din il-klawsola, il-Kunsill iddeċieda li ma jagħmel ebda emenda fiha.

11.5. Dwar il-klawsola 7, is-Sindku ppropona li titneħħa l-frażi "*citizens of a Member State of the European Union*" u minflokha jidħlu l-kliem "*the public*". Il-Kunsill approva din l-emenda.

11.6. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għall-klawsola 17 u qal li Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina minn dejjem kienet tirrifondi l-ħlas tal-kera (€233) li l-Kunsill kien iħallas lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Billi dan l-arranġament ma' kienx hemm ipprovdut għaliħ fil-ftehim preċedenti, huwa qal li dan il-punt għandu jiġi diskuss mal-konsulent legali. Il-Kunsill approva.

11.7. Is-Segretarju fakkar li fuq parir tal-konsulent legali l-Kummissarju ta' l-Artijiet ġie mgħarraf li t-tmexxija tax-xelter ġiet fdata lill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Qabel jinkiseb il-permess, il-ftehim bejn il-Kunsill u l-istess għaqda ma jkunx jista' jiġi ffirmat.

12.1. **Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2008 (F/1/1/Vol II)**

12.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma, intiż sabiex jissewew trinek li saru mill-istess korporazzjoni bejn April 2007 u Ġunju 2008, huwa stmat li jlaħħaq €4,900. Sa l-aħħar tas-sena finanzjarja, il-Korporazzjoni kienet għadha ma għaddietx dawn il-flus.

12.3. Ġie spjegat li t-total ta' dħul minn Servizzi Komunitarji żdied aktar mit-triplu fuq it-tliet xhur preċedenti, biex telgħa għal € 10,911.08. Dawn kienu jikkonsistu fil-ħlas għall-attendenza tas-*summer camp* AvventuraSajf (€ 4,635), permessi għall-*iskips* (€ 83), bejgħ ta` kotba (€ 102), permessi tal-*cranes* u attivitajiet f'postijiet pubbliċi (€ 5,966), u permessi għal xogħlijiet fit-toroq (€ 126). Dawn żdiedu b'mod sostanzjali, peress li l-ammont ta' permessi li jinħarġu fix-xhur tas-sajf ikun aktar, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda attivitajiet.

12.4. Kien hemm Donazzjonijiet saru minn Coop Services Ltd u Michael Debono Ltd illi esibew prodotti waqt l-attività li ttellgħet f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Jum l-Ambjent.

12.5. Ġie spjegat li s-somma ta' € 46,458 hija għotja marbuta ma' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata, li ser tingħata mill-MEPA permezz tal-Fond għal Titjib Urban. Din mistennija tiġi mgħoddija fit-tieni kwart tas-sena finanzarja 2008/09. Fil-perjodu kopert b'dan ir-rapport, il-MEPA għaddiet € 25,050 bħala l-ewwel minn tliet pagamenti taħt l-istess fond, b'riżq it-tisbiħ li qed isir f'Ġnejnet l-Emigranti Melliħin fi Triq il-Kbira / Triq l-Għoljiet.

12.6. Wara li fit-tliet xhur preċedenti n-nefqa fuq toroq u bankini kienet qabżet l-estimi b'iktar minn € 15,600, bejn April u Ġunju ġara bil-kontra, billi l-infieq kien € 16,743 inqas mill-vot allokat. Dan kien dovut minħabba li x-xogħol marbut mal-kisi mill-ġdid ta' Triq il-Kbira ġie pospost għal wara s-sajf u għalhekk l-ammont ta' xogħlijiet fit-toroq kien limitat. Din l-ispiża kienet imqassma hekk: *Patching* € 9,806; Bankini € 1,207; *Culverts* € 233; Bini ta' ħitan € 585; Tisbiħ € 84; Tiswija ta' toroq għall-bdiewa € 466; Tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ € 176. Dan il-fattur kellu effett fuq l-infieq marbut mas-Servizzi Kuntrattwali fit-totalità tiegħu, li kien inqas mill-estimi b'€ 17,594.

12.7. L-infieq fuq it-Tagħrif lill-Pubbliku kien sostanzjalment inqas mill-estimi, peress li l-Ħames Kunsill kien qed jippjana li jippubblika ktieb dwar is-Sajd Tradizzjonali tat-Tonn fil-Mellieħa, liema proġett baqa' ma twettaqx minkejja li saru it-tħejjijiet kollha amministrattivi meħtieġa. Il-Kunsill attwali jista' jagħmel użu minn dawn il-fondi aktar 'il quddiem billi qed titfassal *policy* intiża sabiex tħajjar awturi mil-lokalità jippubblikaw il-kitbiet tagħhom.

12.8. L-ispiża fuq it-Tindif tax-Xtut telgħet sostanzjalment imqabbla ma' l-estimi, peress li partikularment f'April u Mejju kellha titneħħa kwantità kbira ta' alka mix-xtut minħabba l-maltemp qawwi. Din in-nefqa mistennija li tistabilizza ruħha aktar tard fis-sena meta dan it-tip ta' xogħol jonqos.

12.9. L-ispejjeż fuq it-Taħriġ saru in konnessjoni mal-Kors taż-Żfin li ġie fi tmiemu fl-Mejju 2008, kif ukoll sabiex ġew organizzati korsijiet ta' familjarizzazzjoni mal-kompjuter għat-tfal ta' età żgħira ħafna. Dawn il-flus ġew irkuprati mill-ħlas li sar minn dawk li attendew għal dawn il-korsijiet.

12.10. F'dak li jirrigwarda l-Ospitalità u Servizzi lill-Komunità, l-infieq kien baxx ħafna mqabbel ma' l-estimi, billi fl-istess perjodu kien mistenni li tiġi installata Sistema ta' Ventilazzjoni fis-Sala tal-Komunità fl-iskola primarja tal-Mellieħa, liema proġett kellu jiġi pospost għall-perjodu tas-sajf, meta l-istess skola tkun wieqfa.

12.11. In-nefqa kapitali fuq Tabelli tat-Traffiku u *Railings* kienet fil-parti l-kbira fuq numru ta' puġġamani tal-ħadid li saru f'diversi postijiet inkluż dak li sar fit-taraġ it-twil ta' Triq Adenau.

12.12. L-infieq fuq lampi tat-toroq kien limitat ħafna, għalkemm dan ma jirriflettix ix-xogħol li diġa għaddej fuq it-tqegħid ta' *conduit* fil-bankini ġodda li qed isiru fil-parti l-kbira tat-toroq fiż-żona ta' Santa Marija Estate. Hawnhekk il-Kunsill qed jippjana li aktar 'il quddiem jintroduċi sistema ta' lampi ġodda fuq l-arbli.

12.13. Għalkemm ix-xogħol fuq l-ewwel fażi tal-Proġett dwar l-Afforestazzjoni t'Ta' l-Ibraġ tlestiet minn kollox, il-kuntrattur inkarigat kien għadu ma għadda l-ebda talba għall-ħlas. Din mistennija li ssir fit-tieni kwart tas-sena finanzjarja.

12.14. Ix-xogħol fuq is-sistema tal-*floodlighting* fil-*Ground* Ta' Pennellu ħa aktar żmien milli kien imbassar, minħabba li l-kuntrattur ma mexiex fuq l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-kuntratt. Għalkemm saret talba għall-ħlas parzjali ta' € 10,870 il-ħlas effettivament inżamm sakemm ix-xogħol ikun konformi mal-kuntratt jew jingħataw il-garanziji meħtieġa, fejn il-kuntrattur jintrabat illi jagħmel tajjeb għal danni li jistgħu jiġu kkawżati minħabba varjazzjonijiet fil-materjal użat minnu. L-ispiża finali fuq dan il-proġett mhux mistennija li taqbeż € 35,000.

12.15. Ix-xogħol fuq il-proġett ta' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata tlesta minn kollox u l-kuntrattur inkarigat għadda l-aħħar talba għall-ħlas. Kif intqal aktar 'il fuq, l-għotja ta' € 46,588 mwiegħda mill-Fond għat-Titjib Urban tal-MEPA mistennija li tiġi mgħoddija lill-Kunsill fit-tieni kwart tas-Sena Finanzjarja 2008/09. Dan wara li l-MEPA approvat it-tibdil li sar fil-pjanti oriġinali.

12.16. Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju u talab lis-Segretarju jgħaddiħ lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

## 13.1. Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar tas-sena 2008

**(E/3/4)(S/4/1/3)(M/4/3)(P/4/23)(K/6/4/1)(K/1/5/3/Vol II)(A/5/3/4)(T/4/13/Vol VIII)**

13.2. Is-Sindku ppropona li l-programm ta' ħidma tal-Kunsill sa tmien is-sena 2008, ikun jikkonsisti fil-proġetti li jidhru hawn taħt:

- F'Ottubru jinbdew korsijiet li diġa tħabbru fil-magazin "Mill-Qiegħa"'
- Fl-istess xahar issir l-inagurazzjoni tal-faċilitajiet il-ġodda fil-*ground* f'Ta' Pennellu, li jinkludu s-sistema tal-*floodlighting* li saret mill-Kunsill, kif ukoll il-kisi bit-*turf* tal-*five-a-side pitch* u l-*ground* il-kbir iffinanzjati mill-Fundazzjoni għall-Iskejjel t'Għada;
- F'Ottubru wkoll tissejjaħ Konferenza għall-Komunità tal-Mellieħa, bit-tema "Il-familja Melleħija fis-soċjetà Maltija"; u
- Ħruġ ta' sejħiet għall-offerti dwar it-tieni fażi tal-proġett tal-*playing field* bejn Triq ix-Xeħda, Għasel u Miġbħa;
- Ħruġ ta' sejħa għall-offerti dwar it-tisbiħ tas-*soft areas*, *centre-strip* u *roundabout* eżistenti fi Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida;
- Żjara f'Diċembru fil-lokalità tewmija ta' Cavriglia bi grupp ta' 45 ruħ mill-Mellieħa;
- Suq tal-Milied (*Christmas Market*); u
- Attività bl-involviment tat-tfal ta' l-Iskola Primarja.

13.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li kemm-il darba l-kuntrattur Central Asphalt Ltd ma' jagħtix garanzija li r-*resurfacing* ta' Triq il-Kbira ma jkunx lest sa ġimgħatejn qebel il-Milied, ix-xogħol għandu jitħalla għal Jannar 2009. Għal dan il-għan huwa ppropona li ssir laqgħa mal-kuntrattur.

13.4. Is-Sindku qal li huwa informa lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma li l-bdil tal-*mains* fi Triq Ġorġ Borg Olivier għandu jitħalla għal Jannar 2009, minħabba l-istess raġuni.

13.5. Il-Kunsill approva l-qafas ta' attivitajiet propost mis-Sindku

## 14.1. Sewqan perikoluż fi Triq l-Għerien (T/3/2/Vol VIII)

14.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li r-residenti tat-triq imsemmija huma mħassba bis-sewqan b'veloċità eċċessiva fit-triq imsemmija.

14.3. Is-Sindku kkummenta li huwa kien ġie avviċinat minn resident dwar din il-materja u kien taħ parir li ssir petizzjoni mir-residenti konċernati sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-Kunsill.

### 15.1. Papijiet ta' l-*air conditioners* (P/5/14/Vol VII)

15.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li qed tidħol id-drawwa li pajpijiet ta' l-ilma ta' l-*air conditioners* jitħallew jferrgħu fuq il-bankini u joħolqu nkonvenjent lil ħaddieħor.

15.3. Is-Segretarju qal li ser jivverika dwar jekk il-MEPA għandiex *policy* dwar dan is-suġġett.

### 16.1. Asfaltar mill-ġdid ta' Triq il-Prajjet (T/4/2/Vol XXII)(T/6/3)

16.2. Il-Kunsillier C. Bartolo talab li ssir pressjoni fuq l-Awtorità tat-Trasport sabiex it-triq imsemmija tiġi asfaltata mill-ġdid wara li saret trinka għall-mejnijiet tad-drenaġġ. Huwa kkummenta li l-kwistjoni li nqalgħet bejn il-bdiewa dwar it-tqegħid ta' pajpijiet tat-tisqijja fl-istess trinka m'għandiex titħalla xxekkel li jsir ix-xogħol meħtieġ. Is-Sur Bartolo talab ukoll li jitneħħa terrapien li ntrema qrib ir-rampa li twassal għall-moll ta' Anchor Bay.

16.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-punti mqajjma għandhom jkomplu jiġu segwiti.

### 17.1. Mera fi Triq Sant' Elena k/m Triq il-Kappillan Magri (T/4/13/Vol VIII)

17.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li għandha ssir mera fil-kantuniera msemmija, billi s-sewwieqa fiż-żewġ toroq imsemmija ħafna drabi jindunaw b'vetturi oħra meta jkun tard wisq.

17.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 18.1. Dehra ġdida għas-sit eletroniku tal-Kunsill (I/1/3/Vol IV)

18.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li t-tqassim tat-tagħrif kollu li ser jiġi nkluż fis-sit elettroniku issa tlesta mill-istudent Andrew Gambin. L-*internet service provided* – Abacus Solutions – għaddew il-materjal kollu lill-M.I.T.T.S. sabiex jivverifikaw li dan huwa konformi mal-format approvat minnhom, qabel is-sit ikun jista' jiġi aċċessat mill-pubbliku.

18.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 19.1. Kors għas-Segretarji ta' l-għaqdiet (K/2/53)

19.2. Is-Sindku qal li josserva illi għalkemm l-għaqdiet li jiffunzjonaw fil-lokalitajiet huma attivi ħafna, il-pubbliku ftit li xejn ikun jaf b'ħidmiethom u għalhekk ftit jiġu apprezzati minn min m'huwiex imsieħeb fihom. Huwa qal ukoll li wasal iż-żmien li d-diriġenti ta' l-istess għaqdiet jiġu mgħejjuna biex jgħelbu dan in-nuqqas, billi jingħataw kors dwar il-mezzi disponibbli li għandhom jwassaluhom għal dan il-għan. Is-Sur R. Cutajar qal li dan għandu jkun miftuħ għas-segretarji rispettivi, jew uffiċjali oħra li jidhrilhom l-għaqdiet.

19.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 20.1. Periklu fi Triq l-Inkurunazzjoni k/m Triq l-Erwieħ (P/4/14)

20.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-periklu li jeżisti għall-*pedestrians* meta jaqsmu minn Triq l-Inkurunazzjoni għall-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ. Huwa għalhekk talab lill-Kunsill sabiex jikkunsidra proposta dwar pont pedonali li jgħaqqad il-postijiet imsemmija.

20.3. B'żieda ma' dan, is-Sindku R. Cutajar qal li huwa jemmen li jista' jitneħħa l-ħajt eżistenti tal-belveder, li hemm ma' ġenb wieħed tal-*playing field*, u minfloku jsir puġġaman tal-ħadid bħal dan li sar fuq il-Belveder tas-Sur. Huwa qal ukoll li dan il-puġġaman jista' jinħareġ aktar 'il barra fuq il-blat, biex b'hekk titgawda l-veduta, kif ukoll tikber l-*area* tal-*playing field*.

20.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn il-proposti għandhom jiġu diskussi mal-*Contracts Manager*.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Settembru 2008 fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |